# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Avviż Numru: 13/2014 SG**

**Rosa Mifsud**

**vs**

**Mary Pisani**

**Illum l-Erbgħa, 13 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippreżentat minn Rosa Mifsud fejn ġie premess:

Illi fiż-żmien bejn is-7 ta' Diċembru 2013 u l-11 ta' Marzu 2014, waqt li l-attriċi kienet rikoverata l-Isptar, hija afdat iċ-ċwievet tad-dar tagħha. 44, Triq Xjuf ir-Riħ, Nadur lill-konvenuta sabiex din tkun tista' tieħu ħsieb il-kelb tagħha;

Illi matul dak iż-żmien, kienet il-konvenuta biss li kellha ċ-ċwievet tal-istess dar u kwindi l-aċċess għal dik id-dar;

Illi meta rritornat lura d-dar, l-attriċi sabet diversi oġġetti u flus kontanti nieqsa, u preċiżament: sitt elef ewro (€6,000) fi flus kontanti, 6 lozor tal-flannella u tas-sjaf; kutri; 4 tapiti, tnejn tal-mohair u 2 tal-bellus, li kienu nġabu minn missierha mis-safar, 3 platti antiki bil-ward fuqhom, tnejn ħodor u l-ieħor roża; divesi tazzi, mugs u affarijiet antiki minn ġol-vettrina, sikkett (reċipjent fejn jinżammu l-affarijiet ta' materjal magħruf bħala luna);

Illi matul dan iż-żmien, il-konvenuta kienet issarraf il-pensjoni tal-attriċi u l-attriċi taf li l-konvenuta żbankat jew sarrfet ammont ta' €1,490.11c u minnhom irritornat lura lill-attriċi l-ammont ta' €690.11ċ biss;

Għid għalhekk inti intimata għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

(1) Tikkundannak tirritorna lill-attriċi l-oggetti kollha hawn fuq indikati u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilek prefiss;

(2) Fin-nuqqas li inti tirritorna tali oġġetti tikkundannak tħallas lill-attriċi somma li għandha tiġi likwidata u li tkun tirrapreżenta valur ġust u xieraq ta' dawn l-istess oġġetti;

(3) Tikkundannak tirritorna lill-attrici s-somma ta' sitt elef euro (€6,000) fi flus kontanti li nstabu nieqsa mid-dar tal atttrici;

(4) Tikkundannak tagħti rendikont tal-ammont ta' tmien mitt euro (€800) li inti żammejt indebitament miċ-ċekkijiet tal-pensjoni tal-attriċi, u

(5) Fin-nuqqas tordnalek tirritorna dan l-ammont fl-intier tiegħu.

(6) Dan kollu bl-imgħax fuq l-ammonti ta' €6,000 u €800 mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali ta' Awwissu 2014 sad data tal-pagament effettiv.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, li għaliha minn issa msejjħin.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Lulju 2014 u tal-ittra uffiċjali ta' Awwissu 2014, kontra tiegħek.

Għall-finijiet tal-kompetenza jiġi ddikjarat li l-ammont globali mitlub mill-attriċi ma jeċċedix is-somma ta' ħdax-il elf u sitt mitt euro (€11,600).

Rat ir-risposta ta' Mary Pisani ppreżentata fit-22 ta' Ottubru 2014 fejn eċċeppiet:

i. Illi t-talbiet tal-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;

ii. Illi l-esponenti tiċħad bil-qawwa kollha li hija qatt ħadet xi oġġetti li kienu propjeta tal-istess attriċi. Infatti l-esponenti lanqas biss taf jekk l-oġġetti msemmija kienux fid-dar tal-attriċi jew le ghax qatt ma kellha bżonn, skop jew interess tfittex ġol-affarijiet li qed jiġi allegat li kienu jinstabu fid-dar tal-attriċi. Konsegwentement hija ma għandha l-ebda oġġetti x'tirritorna;

iii. Illi l-esponenti lanqas taf bis-somma flus ta' sitt elef ewro (€6000) li l-attriċi qed tallega li kellha fid-dar tagħha u li sussegwentement qed tgħid li ma sabitx. L-esponenti qatt ma rat flus kontanti u żgur li ma ħadet l-ebda ammont ta' flus;

iv. Illi l-uniċi żewġ ċekkijiet li sarrfet l-esponenti kienu wieħed fl-erbatax (14) ta' Diċembru 2013 fl-ammont ta' ħames mija u sitta u sittin ewro u ħamsin ċenteżmu (€566.50ċ) u l-ieħor fil-ħdax (11) ta' Jannar 2014 l-ammont ta' erbgħa mija u wieħed u sebgħin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€471.85ċ). Dawn issarrfu fuq struzzjonijiet tal-istess attriċi. Dawn il-flus ġew mgħoddija lil istess attriċi u li minnhom l-istess attriċi kienet tagħti struzzjonijiet lil esponenti biex tħallas għall-ikel tal-kelb, kif ukoll biex tixtrilha xi affarijiet oħra;

v. Illi l-attriċi bdiet tqajjem dawn il-pretensjonijiet kollha wara li l-esponenti interpellat lill-istess attriċi għall-ħlas tas-serviġi, kuri u assistenzi ta' dak kollhu li għamlet magħha matul dawn l-aħħar snin u li tagħhom qatt ma tħallset. Għaldaqstant din il-kawża hija biss tentattiv da parti tal-attriċi biex tipprova tmewwet il-pretensjonijiet tal-esponenti għall-ħlas tal-istess serviġi, kuri u assistenzi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża, inkluż it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha prodotti u n-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Rat li din il-kawża tinsab differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>Provi Prodotti</u>**

**Rosa Mifsud** spjegat li hija ġiet rikoverata l-Isptar Ġenerali t' Għawdex fis-7 ta' Diċembru 2013 sal-11 ta' Marzu 2014. Spjegat li Mary Pisani hija ġara tagħha u kellha ċavetta tal-bieb ta' barra tad-dar tagħha. Hija kienet tatha struzzjonijiet sabiex matul iż-żmien li kienet l-isptar hija tidħol id-dar biex tagħlef il-kelb. Spjegat li waqt li kienet l-isptar, hija tat iċ-ċavetta l-oħra tad-dar li kellha lil Pisani biex din tpoġġiha ġol-gradenza tad-dar tagħha. Sostniet li meta rritornat lura d-dar flimkien ma' Miriam Portelli u Stella Sciberras, Mary Pisani kienet ġewwa d-dar iżda damet ma fetħitilhom il-bieb ta' barra.

Spjegat li waqt li kienet l-isptar, il-ġirien ġie li raw lil Mary Pisani, ommha u oħtha ħerġin mid-dar tagħha u li kien jiġi notat li d-dar titħalla bid-dawl mixgħulin. Waqt li kienet l-isptar, hija ġiet imħajjra tmur tgħix għand omm Mary Pisani iżda hija kienet ħassitha mdejjqa u bl-għajnuna tas-social worker Miriam Farrugia, hija reġgħet irritornat lura l-isptar. Waqt li kienet għand omm Mary Pisani, ommha kienet insistiet magħha biex il-post tagħha tiktbu lil uliedha. Sostniet li wara xi jumejn li nġabret fid-dar tagħha, ċemplitilha Carmena omm Mary Pisani u staqsietha jekk sabitx oġġetti nieqsa. Kien f'dak il-ħin li hija vverifikat u sabet sitt lożor tal-flanella u tas-sajf, kutri, 4 tapiti, tnejn tal-mohair u tnejn tal-bellus li kien ġabhom missieri mis-safar, tlett platti antiki bil-ward fuqhom, diversi tazzi, mugs, u affarijiet antiki minn ġol-vetrina, sikkett u sitt elef ewro fi flus kontanti. Spjegat li Miriam Portelli ċemplet l-għassa u l-pulizija bdew jinvestigaw.

Sostniet li sabet xi affarijiet li ma kinux tagħha, liema oġġetti tħallew wara l-bieb ta' Carmena, iżda din sostniet li ma kellhiex x' tambi imbarazz. Spjegat li meta kienet l-isptar, hija kienet għamlet prokura biex Mary tkun tista' ssarraf iċ-ċekkijiet tal-pensjoni. Pisani ġabret ammont ta' €1,490.11ċ u lilha tatha lura biss €690.11ċ. Hija sostniet li hija ffirmat din il-prokura waħedha iżda mbagħad Mary Pisani kienet ħadet din il-prokura lil Dun Salv Pace li kien iffirmaha bħala xhud tal-firma. Sostniet li hija dejjem qalet lil Mary li ser tħallasha talli qed teħdilha ħsieb il-kelb iżda Pisani darba qaltilha li kienet żammitilha ta' l-ispejjeż.

In **kontroeżami**, hija kkonfermat li tgħix waħedha u li kienet għamlet tlett xhur l-isptar. Hija ndunat li kien hemm l-oġġetti neqsin wara li rritornat lura d-dar. Ikkonfermat li għamlet żmien tgħix mal-familja Pisani qabel ma' marret lura l-isptar u li fil-jiem li kienet għand Pisani, kienet marret nofs ta' nhar id-dar tagħha, iżda ma kinitx qgħadet tfittex biex tara hemmx xi ħaġa nieqsa. Spjegat li meta ħarġet mill-isptar, kienet akkumpanjata minn xi nies fosthom Miriam u Stella li kienet qed tħabbat il-bieb biex jifthulhom. Ikkonfermat li kienet ġiet ukoll ċerta Marthese wara xħin hi daħlet id-dar. Sostniet li ndunat bl-oġġetti nieqsa meta ċemplitilha omm Mary Pisani. Sostniet li meta rritornat lura mill-isptar, hija ma reġgħet tat ċwievet lil ħadd. Sostniet li meta kien hemm il-pulizija d-dar, kienet daħlet Stella biċ-ċavetta li tatha biex tmurilha l-ħanut. Ikkonfermat li hija tat iċ-ċwievet lil Stella u ċ-ċwievet għadhom hemm sal-lum.

Hija nsistiet li ħlief Mary, ħadd ieħor ma kellu ċwievet sakemm hi kienet rikoverata l-isptar. Ikkonfermat li Mary kienet teħdilha ħsieb il-kelb. Ikkonfermat li hija ċemplet lil pulizija meta ndunat li l-oġġetti kienu nieqsa u li kienu għaddew ġimgħat minn wara li rritornat lura d-dar. Ikkonfermat li f'dan iż-żmien qabel ma' ndunat bl-oġġetti nieqsa, kienu ġew persuni oħra jżurha u li Stella kienet tgħinha fil-bżonnijiet tagħha. Spjegat li meta ċemplet omm Mary Pisani, din staqsietha jekk naqqashiex xi ħaġa u għax għamlitlha hekk.

**Stella Sciberras** spjegat li hija tiġi mill-bogħod minn Rosa Mifsud. Spjegat li Carmela kienet staqsitha jekk riditx tieħu lil Rosa Mifsud magħha d-dar iżda hija kienet weġbitha li hija tixtieq li din tfiq u tmur lura ġo darha. Spjegat li hija dejjem tkellmet bi ħbiberija mal-familja Pisani. Sostniet li meta Rosa ħarġet mill-isptar, hija ma kellhiex ċavetta tad-dar għaliex din kienet għand Mary Pisani. Spjegat li hija bdiet tħabbat il-bieb u Mary Pisani kienet damet fuq tlett kwarti biex fetħitilha l-bieb. Spjegat illi fil-knisja, omm Mary Pisani għolliet il-ponnijiet għaliha probabilment għaliex ħassitha rrabbjata peress li ħasbet li kienet begħditha minn Rosa Mifsud.

In **kontroeżami**, hija kkonfermat li ingħatat iċ-ċavetta minn Rosa wara li din irritornat lura mill-isptar. Spjegat li Marthese kellha ċavetta u Carmen Debono kienet dieħla u ħierġa. Spjegat li issa ma għadhiex tieħu ħsieb lil Rosa għax qed jieħdu ħsiebha nies oħra. Ikkonfermat li wara li Rosa ħarġet mill-isptar, hija, Carmen u Marthese kienu jgħinu lil Rosa. Spjegat li hija ma għadhiex tgħin lil Rosa għax Rosa tiġi nfluwenzatha ħafna min-nies ta' madwarha. Spjegat li Marthese lanqas ma għadha tmur għaliex Rosa akkużatha li kienet serqitilha xi affarijeit mid-dar. Ikkonfermat li Mary Pisani kienet tieħu ħsieb il-kelb ta' Rosa. Ikkonfermat li d-dar kbira ħafna u tinfed minn żewġ triqat. Spjegat li wara li ħarġet mill-isptar, hija kienet tmur f'ċertu ħinijiet għand Rosa għax f'ħinijiet oħra kienu jmorru Carmen u Marthese. Ċaħdet li hija taf b'ittra li ntbagħtet lil Mary Pisani.

**Miriam Portelli** spjegat li ommha tiġi kuġina ta' Rosa Mifsud. Spjegat li hija kienet tmur tara lil Rosa Mifsud l-isptar. Spjegat li Rosa ma kellhiex ċavetta tad-dar tagħha. Qalet li darba ltaqgħet ma' Mary l-isptar u meta s-social workers ġabu xi formoli lil Rosa, inkluż formola biex tirrevoka prokura, Mary kienet qabdet dawn il-karti biex teħodhom imma hija qaltilha biex tħalli kollox hemm.

Kompliet tgħid li Rosa ma kellhiex x' tilbes u hi u Carmen Debono kienu ħadu ħsieb li jaħslulha l-libsa li kienet liebsa. Spjegat li s-social workers kienu jċemplu lilha dwar Rosa u nfurmawha li kienu talbu lil Mary biex tagħtihom iċ-ċwievet lura u anke involvew lil pulizija iżda Rosa kienet talbithom ma jindaħlux. Spjegat li Rosa ma riditx tmur tirrissjedi fid-dar ta' l-anzjani u għamlet biss lejl wieħed hemm. Qalet li meta wasluha d-dar, Mary kienet ġod-dar iżda ma fetħitilhomx u damu tlett kwarti jħabbtu. Spjegat li Mary intalbet tħalli ż-żewġ ċwievet tad-dar hemmhekk. Qalet li sabu is-slips taċ-ċekkijiet li ssarrfu u li kien hemm maadwar €800 nieqsa.

In **kontroeżami** spjegat li hija ma tafx jekk kienx hemm nies oħra li kellhom ċwievet tad-dar ta' Roza. Ikkonfermat li Mary Pisani ngħatat iċ-ċavetta biex tagħlef il-kelb ta' Roza. Spjegat li hija ġieli marret tara lil Roza wara li tkun ħelset mill-iskola. Spjegat li hija tieħu ħsieb lil ġenituri tagħha. Spjegat li meta ħarġet mill-isptar, kien hemm Marthese, Stella u Carmen Debono jieħdu ħsiebha. Spjegat li Marthese kienet titħallas talli tmur tnaddfilha. Spjegat li l-aħħar li marret tara lil Rosa, din kienet waħedha. Spjegat li meta daħlu d-dar, hija rat iċ-ċekkijiet u ċċekjat kemm kien hemm flus.

**Carmen Debono** spjegat li ommha toqgħod ħdejn Rosa Mifsud. Spjegat li hija marret tara lil Rosa l-isptar meta din ittajret minn karozza. Spjegat li Mary ftit li xejn kienet tmur tara lil Rosa l-isptar. Qalet li darba minnhom raw lil Mary u lil ommha l-isptar fejn Rosa u rawhom jagħmlulha l-ponnijiet ma' wiċċha. Qalet li Carmena qaltilha li t-tfal għamlu għaliha għaliex hi qalet lil rosa biex tħalli l-post lit-tfal tagħha. Qalet li darba l-Ħadd fid-disgħa ta' bil-lejl, rat lil Carmena, Mary u Guza oħt Mary ħerġin mid-dar ta' Rosa. Hi rat id-dwal jixgħelu fid-dar ta' Rosa kemm-il darba u rat lil Mary dieħla u ħierġa kemm-il darba. Darba ħaslitilha l-libsa li kienet fuqha għaliex Rosa kienet tilmenta li ma għandhiex ħwejjeġ x'tilbes u li lanqas għandha ċavetta ta' darha.

In **kontroeżami,** hija kkonfermata li hija biss li qed tieħu ħsieb lil Rosa Mifsud. Spjegat li meta ħarġet mill-isptar, kien hemm 3 persuni jgħinu lil Rosa. Spjegat li Rosa qaltilha li kellha xi tgħid mat-tnejn l-oħra. Ikkonfermat li Rosa kienet qaltilha li kien naqasha l-portmoni fil-ħin meta kien ikun hemm Marthese. Sostniet li hija qatt ma ngħatat ċavetta tad-dar u li Rosa tħallilha l-bieba mbexxqa. Sostniet li ma tafx jekk il-ġenituri tagħha għandhomx ċwievet. Spjegat li filgħaxija hija kienet tgħin lil Rosa tagħlef il-kelb, taħslilha xi platti u tirranġalha s-sodda. Qablet li Mary Pisani kienet tieħu ħsieb tagħlef il-kelb ta' Rosa meta din kienet l-isptar. Ommha toqgħod fl-istess triq ta' Rosa Mifsud. Sostniet li Mary Pisani kienet taħsel il-ħwejjeġ ta' Rosa meta din kienet l-isptar u li ċ-ċwievet tad-dar kienu għand Mary Pisani meta Rosa kienet rikoverata l-isptar.

**Spettur Frank Anthony Tabone** spjega li sar rapport minn Rosa Mifsud li kienu nsterqu €6000 mid-dar tagħha. Sar rapport minn Mary Pisani dwar ittri li Rosa Mifsud bagħtet lil Mary Pisani. Spjega li dwar l-ewwel rapport, Mary Pisani kkonfermat li għamlet żmien tieħu ħsieb lil Rosa. Pisani kienet qalet li kienet intalbet issarraf ċekk ta' €566.50ċ u ċekk ta' €471.85ċ u li bihom kienet xtrat il-bżonnijiet ta' Rosa. Sostna li Mary insistiet li kien hemm persuni oħra li kienu jidħlu f' din ir-residenza. Kompla jgħid li meta ġie vverifikat ma' Rosa, din ikkonfermat li kien hemm iktar persuni li kienu jidħlu f'din ir-residenza. Spjega li fuq il-post ma kien hemm l-ebda sinjal ta' sgass. Spjega li proċeduri kriminali ma ttieħdux għax ma kienx hemm biżżejjed provi biex titressaq Mary Pisani. Qal li huwa sar jaf b'din il-kwistjoni mingħand Miriam Portelli u mbagħad il-pulizija kienu ntalbu sabiex jmorru d-dar ta' Rosa biex tagħmel ir-rapport.

**Miriam Farrugia** spjegat li hija social worker u ntalbet l-assistenza tagħha sabiex tkellem lil Rosa Mifsud li kienet qed tabita flimkien mal-familja Pisani. Meta ġiet mitkellma, Rosa spjegatilha li ma riditx tibqa' toqgħod hemm. Għalhekk, Rosa kienet ittieħdet l-isptar. Spjegat li Rosa kienet talbet li jittieħdu passi sabiex iċ-ċekk tal-pensjoni terġa' tibda ssarrfu hi minflok Mary Pisani.

In **kontroeżami**, hija spjegat li l-garaxx fejn kienet Rosa Mifsud kien livell mat-triq fejn il-bieb ta' barra. Rosa nstabet nadifa u kienet bilqegħda weħidha. Spjegat li dak

iż-żmien Rosa kien għad kellha sieqha muġugħa. Spjegat li Rosa dejjem xtaqet tmur lura f' darha u meta kienet ser terġa' tmur lura f' darha, kienet semmiet li ser tgħinha Miriam Portelli. Spjegat li meta kienet iżżur lil Rosa l-isptar, qatt ma kienet iltaqgħet ma' Pisani hemmhekk. Spjegat li Rosa kienet qaltilha li Mary Pisani kienet qed teħdilha ħsieb lil kelb. Spjegat li Rosa qaltilha li Pisani kienu talbuha biex tiktbilhom id-dar.

**PS 342 Johann Said** xehed dwar ir-rapport magħmul minn Rosa Mifsud fuq xi flus li nsterqu. Spjega li din infurmatu li Mary Pisani kellha ċ-ċwievet u bdiet twaħħal f' Pisani. Madanakollu, l-istess Rosa Mifsud qalet li kien hemm nisa oħra li kellhom iċ-ċwievet u li ma riditx tgħidlu min huma. Sostna li Rosa kienet infurmatu li issa ħadet ħsieb biddlet is-serratura ħalli ħadd ma għandu ċwievet, iżda sa xħin kien qiegħed hemmhekk, daħlet persuna ġod-dar u din daħlet biċ-ċavetta. Spjega li Rosa kienet indikatlu minn fejn ittieħdu l-affarijiet fosthom fit-toilet u fi gwardarobba. Sostna li Rosa kienet infurmatu li kienet tgħix ma' Pisani iżda kienet imdejjqa hemmhekk. Spjega li l-affarijiet li ttieħdu kienet ttieħdu meta Rosa kienet rikoverata l-isptar.

In **kontroeżami**, huwa kkonferma li darba biss kellem lil Rosa. Sostna li s-social workers ġew involuti, peress li skont ma qaltlu Rosa, kien żarha xi ħadd u qaltlu kemm kienet imdejjqa.

**Alvin Scicluna in rappreżentanza tal-BOV** xehed li ċ-ċekk favur ta' Rosa Mifsud ssarraf minn Mary Pisani u kien fl-ammont ta' €556.50ċ u ċ-ċekk l-ieħor kien fl-ammont ta' €471.85ċ. Issarraf ċekk ieħor minn Mary Pisani fl-ammont ta' €471.85ċ.

**Dr Joseph Attard in rappreżentanza tas-Servizzi Socjali** ippreżenta image statements tat-tlett ċekkijiet li xehed dwarhom ir-rappreżentant tal-BOV Alvin Scicluna.

**Mary Pisani** insistiet li hija ma messet xejn mid-dar ta' Rosa. Spjegat li ommha kienet ilha tieħu ħsieb lil Rosa u din kienet tathom iċ-ċavetta għax kienet tibża li tissakkar barra. Hija kienet taqdi ħafna lil Rosa fil-bżonnijiet tagħha. Spjegat li meta kellha l-inċident, hija kienet magħha l-isptar u li Rosa tatha ċ-ċavetta biex tmur titma' l-kelb tagħha. Spjegat li Rosa kienet tatiha l-istruzzjonijiet xi trid tagħmel f'darha meta kienet l-isptar, u hi kienet tieħu ħsieb tagħmel dak li titlobha. Sostniet li hija qatt ma messet xejn u li sarrfet żewġ ċekkijiet biss. Spjegat li l-flus ħadithomla l-isptar u din qaltilha biex teħodhom id-dar. It-tielet ċekk kienet iffirmatu hi wkoll iżda Roza qaltilha biex ma ssarrfux u tħallih id-dar. Sostniet li l-flus ħallithomla fil-kexxun.

Mary Pisani kompliet tixhed b'affidavit fejn spjegat li mill-flus ta' Roza, hija ħallset il-walker li kriet mill-isptar, xtrat laħam u fwied tat-tiġieġ għal kelb mingħand Buttigieg Meat Shop, xtrat beef rolls u dry food għal kelb u 2 pigamas, ħwejjeġ ta' taħt u bżonnijiet personali oħra li kellha bżonn Roza għall-isptar. Ikkonfermat li l-

bqija tal-flus ħallithom fil-kexxun flimkien maċ-ċekk li ffirmat u li ma sarfitx. Spjegat li Roza kienet għamlet żmien toqgħod għand ommha u kienet anke marret id-dar tagħha għal xi nofs ta nhar. Spjegat li l-għada, ġew żewġ social workers u ġiet ambulanza li ħadet lil Roza lura l-isptar. Spjegat li hija baqgħet tmur taraha l-isptar.

Spjegat li meta ġiet lura d-dar, hija kienet qed tnaddaf fil-bitħa u ma semgħetx il-bieb iħabbat. Spjegat li mbagħad irċeviet telefonata fuq il-mobile u fetħitilhom. Qalet li kien hemm Roza, Marthese, Stella u Miriam Portelli. Spjegat li Marthese qaltilha li Roza trid iċ-ċavetta tad-dar tagħha lura u hi qaltilhom li ċavetta minnhom kienet ġol-kexxun filwaqt li rritornat iċ-ċavetta l-oħra. Spjegat li hi bagħtet ittra għal ħlas ta' serviġi f' Mejju 2014 u Roza bdiet takkużaha li hi kienet serqitha, wara li hija kienet ilha tlett xhur ma tidhol fid-dar ta' Roza. Spjegat li veru li ommha kienet ċemplet lil Roza iżda biex tara fhiex kienu naqsuha.

Pisani xehdet ukoll illi ċ-ċekkijiet kienu ffirmati kemm minnha u kif ukoll minn Rosa Mifsud. It-tielet ċekk ġie ffirmat iżda mbagħad ma ssarrafx.

In **kontroeżami**, hija kkonfermat li kellhom ċavetta qabel ma' daħlet l-isptar. Hija spjegat li wara li ħarġet mill-isptar, Roza tat ċwievet lil persuni oħra u qabel dawn ma kellhomx ċavetta. Spjegat li l-pulizija bagħtu għaliha fl-4 ta' Lulju, filwaqt li hija kienet ilha ma tidħol fid-dar ta' Roza minn Marzu. Ikkonfermat li sarrfet żewġ ċekkijiet, filwaqt li t-tielet ċekk ma ssarrafx. Ikkonfermat li hija kienet ġewwa d-dar meta rritornat lura Roza mill-isptar. Hija ma baqgħetx fil-pussess taċ-ċavetta tad-dar ta' Roza mill-11 ta' Marzu. Sostniet li hi ma żammitx rendikont ta' x' nefqet. Spjegat li r-rċevuti tal-VAT kienet teħodhom sabiex jittellgħu fil-lotterija tal-VAT.

**Avril Rosalind Mann** xehdet li hija kienet iltaqgħet ma' Rosa Mifsud f'xi okkazzjonijiet fid-dar ta' Mary Pisani. Spjegat li Rosa kienet nadifa u ma kien jidher li jonqosha xejn iżda kienet irrimarkat li d-dar ta' Pisani kienet qisha lukanda bin-nies deħlin u ħerġin. Spjegat li darba oħra, meta kienet id-dar ta' Pisani, kien inġieb il-kelb ta' Rosa u kien jidher li kien iħobb ħafna lil Rosa u li kien miżmum tajjeb.

**Ikkunsidrat:**

**Prinċipji legali Esposti**

F'każijiet bħal dawn, hi varja l-gurisprudenza li tista' tiggwida din il-Qorti dwar l-evalwazzjoni tal-provi miġjuba quddiemha. Fost oħrajn, fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-24 ta' Marzu 2004 intqal dwar il-materja ta' konflitt ta' verżjonijiet ta' provi mogħtija li :

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

1. *Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

2. *Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*

Ta' l-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak:**

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia",** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lil-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment.*

*Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia vs Farrugia**", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta Vs Francis Difesa** deċiża fit-28 ta' Mejju 2003 mill-Prim' Awla, reġgħet saret referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru 1966:

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha*

*teżamina jekk xi wahda miż-żewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenża u verosimiljanża, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanża tal-provi, ghax dawn, f'kawżi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";*

Fl-istess sens kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine** deċiża fit-28 ta' April, 2003:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenża kwieta jew jkollha b'konsegwenża taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, ilkriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanżi żvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanża tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanża talprobabilitajiet.*

*Dan ghad-differenża ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (**Vol. XXXVI P I p 319**)"*

L-istess insenjamenti jsibu s-sostenn tagħhom fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **Enrico Camilleri vs Martin Borg**:

*"Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenża taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq ilprovi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik iccertezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bażata fuq il-preponderanża tal-probabilitajiet". ("**Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino**", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "**Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo"…..Kif rilevat f'sentenża antecedenti fil-kawża fl-ismijiet "**Dottor Herbert Lenicker –vs- Joseph Camilleri**", Prim'Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972, "f'kawża civili lattur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha eżitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex ittort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bażi tal-azzjoni tieghu".*

*Fl-istess sens id-deċiżjoni fl-ismijiet "**Gemma Cassar Saetta –vs- Imco Distributors Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999."*

**Ikkunsidrat**

**<u>Evalwazzjoni tal-provi prodotti</u>**

Din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, l-attriċi ma rnexxilliex tipprova l-każ tagħha. Dana jirriżulta minn diversi fatturi. Fl-ewwel lok, irriżulta li l-attriċi kienet rikoverata l-isptar bejn is-7 ta' Diċembru 2013 u l-11 ta' Marzu 2014. Madanakollu, ir-rapport mal-pulizija dwar l-allegati oġġetti li nstabu nieqsa u l-flus li allegatament insterqu sar fit-12 ta' Mejju 2014. Għalkemm huwa minnu li fiż-żmien li l-attriċi kienet rikoverata l-isptar, l-attriċi insistiet li kienet il-konvenuta biss li kellha ċwievet tad-dar tagħha, jirriżulta li dakinhar stess li rritornat lura d-dar tagħha mill-isptar, il-konvenuta rritornat iċ-ċwievet lura lill-attriċi u qatt ma reġgħet daħlet id-dar.

Irriżulta wkoll li minn dakinhar 'il quddiem, l-attriċi bdiet tiġi assistita minn 3 persuni differenti li kellhom ċwievet tad-dar tagħha. Irriżulta wkoll li waħda minn dawn l-istess persuni li bdew jieħdu ħsieb lill-attriċi, kienet ġiet rinfaċċatha b'akkużi simili li messet oġġetti tal-attriċi, mill-istess attriċi. F'għajnejn din il-Qorti, l-attriċi ma nexxiliex tressaq provi li dawn l-oġġetti u flejjes li l-attriċi qed tilmenta li ttieħdulha, ittieħdu proprju mill-konvenuta fiż-żmien li l-istess attriċi kienet rikoverata l-isptar. Jekk verament l-attriċi kellha dubbji fl-integrita tal-konvenuta, din setgħet faċilment ivverifikat li ma kien hemm xejn nieqes minn ġo darha immedjatament meta din irritornat lura f'darha. Dan qed jingħad iktar u iktar fir-rigward tal-flus li allegatament ittieħdu. Is-somma ta' €6000 hija waħda konsiderevoli u għalhekk mhuwiex verosimili li l-attriċi ndunat li din kienet nieqsa daqshekk xhur wara li rritornat lura f'darha.

Apparti minn hekk, l-attriċi lanqas ressqet prova li verament kien hemm tali oġġetti preżenti fid-dar tagħha u dwar kemm kien il-valur tagħhom. La spjegat fejn allegatament kienu jinżammu jew almenu l-għamla tagħhom. In fatti, fl-avviż jissemmew affarijiet anitiki minn ġol-vettrina mingħajr lanqas ma ġie speċifikat x' inhuma dawn l-oġġetti.

In oltre, il-verżjoni ta' l-attriċi mogħtija fl-affidavit tagħha fis-sens li wara jumejn li rritornat lura f'darha, omm il-konvenuta kienet ċemplitilha u qajjmet suspetti f'moħħha li kien hemm affarijiet nieqsa, lanqas ma tgħin lill-attriċi biex tipprova l-każ tagħha. Dana għaliex jekk verament qamu f'moħħa suspetti u vverifikat li kien hemm l-oġġetti nieqsa jumejn wara li rritornat lura mill-isptar, kif imbagħad ħalliet daqshekk żmien jgħaddi qabel ma' rraportat dan l-allegat serq lil pulizija?

Il-Qorti tqis ukoll li fix-xhieda tagħha, l-attriċi kkontradixxiet ruħha kemm-il darba, partikolarment dwar jekk kienx hemm persuni oħra li kellhom ċwievet tad-dar tagħha.

Mill-banda l-oħra, il-konvenuta dejjem tat verżjoni konsistenti dwar dak li kien seħħ u ċaħdet li qatt ma messet l-oġġetti u l-flejjes li tallega li nsterqulha l-attriċi. Dan qalitu kemm f'dawn il-proċeduri u kif ukoll meta ġiet investigata mill-pulizija. Ir-rikorrenti tattakka l-kredibilita' tax-xhieda mogħtija mill-konvenuta billi ssostni li kif irriżulta mir-rappreżentant tal-BOV u tas-Servizzi Soċjali, il-konvenuta sarrfet tlett ċekkijiet li kienu ta' l-attriċi. Ġew eżebiti l-*images statements* ta' l-istess ċekkijiet. Mill-banda l-oħra, il-konvenuta baqgħet isostni li hija sarrfet biss żewġ ċekkijiet li kienu ta' l-attriċi u li t-tielet ċekk kien ġie ffirmat minnha u mill-attriċi iżda fuq struzzjonijiet ta' l-attriċi tħalla fid-dar tal-attriċi peress li din kienet dalwaqt ħierġa mill-isptar.

Il-Qorti fliet dawn l-*images statements* taċ-ċekkijiet u tqis li hija aktar kredibbli l-verżjoni mogħtija mill-konvenuta fis-sens li peress li l-attriċi kienet ħsiebha li ser tmur lura d-dar kemm jista' jkun malajr, wara li ġew imsarrfa żewġ ċekkijiet datati Diċembru 2013 u Jannar 2014, iċ-ċekk datat Frar 2014 tħalla mhux imsarraf. Quddiem din il-Qorti, kemm meta ppreżentat l-affidavit tagħha u kif ukoll fid-drabi li xehdet viva voce, il-konvenuta dejjem kienet konsistenti fix-xhieda tagħha.

Ir-rikorrenti tattakka l-kredibilita' tal-konvenuta billi tinsisti li l-konvenuta kienet ġiet osservata minn diversi persuni fid-dar tal-attriċi anke bil-lejl kif ukoll li kienet damet ma' fetħet lill-attriċi meta din irritornat lura mill-isptar. Madanakollu, dan kollu ma jipprovax li kienet il-konvenuta li allegatament ħadet dawn l-affarijiet, iktar u iktar meta ġie ppruvat li kien hemm diversi persuni oħra li kienu jidħlu fid-dar ta' l-attriċi.

Ir-rikorrenti tagħmel kapital ukoll bil-fatt li l-konvenuta allegat li miż-żewġ ċekkijiet li sarrfet, hija kienet nefqet xi flus minnhom għal bżonnijiet tal-kelb ta' l-attriċi u ta' l-attriċi nfisha iżda qatt ma żammet riċevuti jew xi tip ta' rendikont. Madanakollu, il-fatt innifsu li din ma żammitx rendikont, ma jfissirx b'daqshekk li l-flus li kien hemm allegatament neqsin, kienu fil-fatt ittieħdu mill-konvenuta. In oltre, l-attriċi nfisha kkonfermat li hija kienet tat struzzjonijiet lill-konvenuta sabiex sakemm iddum l-isptar, hija tieħu ħsieb il-kelb tagħha bil-konsegwenza li kienu ser jintefqu xi flus għall-ikel ta' dan il-kelb.

Għalhekk fin-nuqqas ta' provi ċari u inekwivoċi, din il-qorti hija tal-fehma li d-diversi talbiet magħmula f'din il-proċedura ma jistgħux jiġu milqugħa.

**Decide**

**Għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi filwaqt li tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuta. Tordna li l-ispejjeż kollha relatati ma' dan il-każ jiġu sopportati fl-intier tagħhom mill-attriċi.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

13.01.2021 – Inf13.2011 – Mifsud Rosa vs Pisani Mary
4701